

Brussell, 19 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11295/18
ADD 1

VISA 197
FRONT 240
COWEB 115
JAIEX 83
COMIX 418

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 543 final - Annexes 1 to 4
Suġġett:	ANNESSI tar- RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment li fadal tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża mill-Kosovo*, kif deskritt fir-raba' rapport dwar il-progress tal-4 ta' Mejju 2016.

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuz id-dokument COM(2018) 543 final - Annexes 1 to 4.

Mehmuz: COM(2018) 543 final - Annexes 1 to 4



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.7.2018
COM(2018) 543 final

ANNEXES 1 to 4

ANNESSI

tar-

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment li fadal tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża mill-Kosovo^{*}, kif deskritt fir-raba' rapport dwar il-progress tal-4 ta' Mejju 2016.

^{*} Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

ANNESSI

tar-

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment li fadal tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża mill-Kosovo*, kif deskritt fir-raba' rapport dwar il-progress tal-4 ta' Mejju 2016.

Anness 1

Sfond dwar il-liġijiet dwar l-asil, il-barranin, il-kontroll fil-fruntieri tal-Istat u s-sorveljanza

Il-Liġi li temenda u tissupplimenta l-Liġi nru. 04/L-219 dwar il-Barranin:

Ħarsa ġenerali fil-qosor: din il-liġi hija kruċjali għall-governanza xierqa tal-migrazzjoni fil-Kosovo. L-emendi għandhom l-għan li jallinjaw mal-aħħar direttivi tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul, ir-residenza u l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll li jallinjaw mar-Regolament dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ir-Regolament VIS) dwar l-iskambju ta' *data* dwar viżi fuq żmien qasir. Il-liġi l-ġdida dwar il-Barranin tiżgura aktar allinjament mal-acquis tal-UE.

Il-Liġi temenda u tissupplimenta l-Liġi Nru. 04/L-073 dwar l-Asil

Ħarsa ġenerali fil-qosor: din il-liġi hija kruċjali għall-governanza dwar il-migrazzjoni u b'mod partikolari biex tiġi ggarantita proċedura tal-asil effettiva f'konformità mal-acquis tal-UE. L-emendi għandhom l-għan li jkomplu jallinjaw il-liġi dwar l-asil mal-acquis dwar il-proċeduri tal-asil u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza. L-abbozz ta' Liġi ġdida dwar l-Asil jittrasponi parzjalment l-atti tal-UE li ġejjin: Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, u d-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-ġoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali u ġie ċċekkjat ukoll mad-Direttiva tal-UE 2011/95 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (it-13 ta' Diċembru 2011). Il-liġi tinkorpora lezzjonijiet mill-esperjenza tal-passat, bħal tranżitu fuq żmien qasir ta' proċess ta' 72 siegħa.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

L-Assemblea adottat ukoll emendi tal-Liġi dwar il-Kontroll Statali tal-Fruntieri u s-Sorveljanza biex tallinja aktar il-qafas legali mal-acquis tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament 2016/399 u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (ir-Regolament (UE) 2016/399). Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Fruntieri għandu unità ta' riskju ta' intelligence konġunta u tal-analiżi tat-theddid inkarigata li tiġbor id-*data* u l-informazzjoni mill-aġenziji tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBM) (pulizija, dwana u l-aġenzija tal-ikel u veterinarja). L-istrateġija 2013-2018 tal-IBM u l-pjan ta' azzjoni huma allinjati mal-kunċett tal-UE tal-2006 dwar l-IBM. F'Lulju 2017, ġie approvat pjan ta' azzjoni tal-IBM rivedut u evalwat mill-ġdid.

Anness 2

Ftehimiet bilaterali għar-riammissjoni ta' persuni ffirmati mill-gvern tal-Kosovo ma' pajjiżi oħra

Il-Kosovo ffirma ftehimiet ta' riammissjoni mal-pajjiżi li ġejn:

1. l-Albanija – iffirmat fit-03.10.2009;
2. Franza – iffirmat fit-02.12.2009;
3. l-Iżvizzera – iffirmat fit-03.02.2010;
4. il-Ġermanja – iffirmat fl-14.04.2010;
5. id-Danimarka – iffirmat fit-08.06.2010;
6. l-Awstrija – iffirmat fit-30.09.2010;
7. in-Norveġja – iffirmat fil-15.10.2010;
8. is-Slovenja – iffirmat fl-10.05.2011;
9. il-pajjiżi tal-Benelux (il-Belġju, in-Netherlads, il-Lussemburgu) – iffirmat fit-12.05.2011;
10. ir-Repubblika Ċeka – iffirmat fl-24.06.2011;
11. il-Montenegro – iffirmat fit-30.06.2011;
12. l-Iżvezja – iffirmat fl-04.10.2011;
13. il-Finlandja – iffirmat fid-29.11.2011;
14. l-Ungerija – iffirmat fil-15.05.2012;
15. il-Bulgarija – iffirmat fid-19.06.2012;
16. Malta – iffirmat fil-21.11.2012;
17. l-Estonja – iffirmat fis-17.05.2013;
18. il-Liechtenstein – iffirmat fis-17.06.2013;
19. il-Kroazja – iffirmat fit-23.07.2013;
20. l-Italja – iffirmat fil-15.04.2014;
21. it-Turkija – iffirmat fil-15.12.2015;
22. l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja – iffirmat fl-04.12.2017.

Anness 3
Ftehimiet ta' kooperazzjoni tal-pulizija

- **79** Ftehimiet ta' Kooperazzjoni;
- **18** Pajjiżi (*ara hawn taħt*)

Li minnhom:

- **30** ftehim huma fil-qasam tal-Kooperazzjoni tal-Pulizija (9 minn dawn il-ftehimiet jirreferu wkoll għall-qasam tal-protezzjoni tax-xhieda);
- **disa'** ftehimiet huma Ftehimiet ta' Operazzjoni;
- **10** ftehimiet ma' EULEX; u
- **30** ftehim fil-qasam tal-kooperazzjoni fil-fruntieri.

Ftehimiet finalizzati li għad iridu jiġu ffirmati:

1. it-Turkija
2. L-Estonja.

Ftehimiet mibdija jew mibdija mill-ġdid:

1. id-Danimarka
2. l-Italja
3. il-Belġju

Ftehimiet ta' kooperazzjoni ffirmati ma'

1	l-Awstrija	11	il-Montenegro
2	il-Bulgarija	12	L-Iżvezja
3	ir-Renju Unit	13	is-Serbja
4	Franza	14	is-Slovenja
5	il-Finlandja	15	l-Abanija
6	il-Ġermanja	16	l-Istati Uniti tal-Amerika
7	l-Ungerija	17	it-Turkija
8	il-Kroazja	18	l-Iżvizzera
9	il-Litwanja		
10	l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja		

Ftehimiet ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali

1. Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX)
2. Ftehim Multilaterali li jistabbilixxi grupp ta' esperti biex jiġġieled kontra t-traffikar illeċitu tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa u regolament dwar il-mod ta' kooperazzjoni reċiproku.
3. OLAF
4. Ċentru tal-Iskrinjar tat-Terroristi
5. CEPOL

Anness 4

Żviluppi riċenti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

F'Mejju tal-2016 Zekerija Qazimi, imam minn Ferizaj, sospettat li rrekluta diversi Kosovari żgħażagħ għall-ISIS u li inċita l-mibegħda, instab ħati u ntbagħat il-ħabs għal 10 snin mill-Qorti Bażika.

F'Settembru 2016, il-Prosekuzzjoni Speċjali tal-Kosovo ressqet akkuża kontra erba' Imams u Fuad Ramiqi, il-mexxej tal-ewwel partit politiku Iżlamiku fil-Kosovi, dwar it-terror, diskors ta' mibegħda u talba għal

F'Novembru 2016, il-Pulizija tal-Kosovo arrestat 18-il persuna suspettati b'terroriżmu, li allegatament ippjanaw li jwettqu attakki terroristiċi koordinati fil-Kosovo, fl-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u fl-Albanija, inkluż attakk kontra t-tim tal-futbol Iżraeljan waqt il-logħba Albanija - Iżrael. L-akkużati huma maħsuba li jagħmlu parti min-netwerk terroristiku tal-Balkani iktar wiesa', u appartni ċ-ċittadini tal-Kosovo, persuni minn l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u mill-Albanija kienu wkoll parti minn dan il-grupp.

F'Mejju 2017, il-Pulizija tal-Kosovo wettqu operazzjoni tal-pulizija f'ħames postijiet differenti, inklużi r-reġjuni ta' Pristina, Gjilan u Ferizaj u arrestaw erba' persuni, suspettati li ħejjew atti jew reati terroristiċi kontra l-ordni kostituzzjonali u s-sigurtà tal-Kosovo;

F'Mejju 2017, is-Segretarjat tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali ħareġ id-deċiżjoni dwar it-twaqqif ta' Kumitat għar-rieżemi tal-Litteratura kkunsidrata li fiha kontenut radikali/estremist.

Bi tweġiba għal Nisa u Tfal li rritornaw mis-Sirja, fil-bidu tal-2018, il-Ministeru għall-Intern, flimkien mad-Direttorat Kontra t-terroriżmu tal-KP, u l-Aġenzija tal-Intelligence tal-Kosovo abbozzaw pjan ta' kontinġenza b'diversi partijiet ikkonċernati għall-ipproċessar u l-ġestjoni ta' dawn in-nisa u tfal li jirritornaw mis-Sirja;

Fil-bidu tal-2018, il-liġi dwar l-infrastruttura kritika ġiet approvata.

Fi Frar 2018, il-Pjan Strateġiku għall-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti fil-Ħabsijiet ġie adottat mill-Ministeru tal-Ġustizzja. L-istrateġija tipprevedi twaqqif ta' unità għall-ġestjoni tal-estremisti fil-ħabs (b'persunal imħarreġ), it-twaqqif tal-Unità għall-Valutazzjoni u l-Klassifikazzjoni tal-Ħabsin (b'persunal imħarreġ) u t-twaqqif ta' Unità ta' Intelligence fil-Ħabsijiet.

Matul Marzu u April 2018, is-Segretarjat tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali Itaq' ma' 15-il Sindku fil-Kosovo kollu fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' attivitajiet fil-livell lokali dwar l-istrateġija dwar CVE.

F'Mejju 2018, il-Qorti Bażika fi Pristina kkundannat tmien konvenuti għal total ta' 35 sena u sitt xhur ħabs fil-każ Iżraeljan;

F'Mejju 2018, il-Ministru tal-Ġustizzja, is-Servizzi Korrettiv tal-Kosovo u l-Kunsill Iżlamiku tal-Kosovi ffirmaw Memorandum ta' Qbil dwar il-programm ta' deradikalizzazzjoni għall-ħabsin li huma akkużati jew ħatja ta' terroriżmu. Ghoxrin imam li ġew proposti mill-

Komunità Iżlamika tal-Kosovo u kklerjati mill-Aġenzija ta' Intelligence tal-Kosovo (KIA) huma mistennija jgħinu lil Misilmin radikalizzati li ġew arrestati jew ikkundannati għal terroriżmu waqt il-proċess ta' deradikalizzazzjoni tagħhom.